Il-Kummissjoni Ewropea
http://ec.europa.eu/languages/day2011/mt/

Il-Jum Ewropew tal-Lingwi
www.coe.int/EDL

DIRECTORATE OF EDUCATION AND LANGUAGES

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL TAL-EWROPA U TAL-KUMMISSJONI EWROPEA GĦALL-KOMMEMORAZZJONI TAL-GĦAXAR ANNIVERSARJU TAL-JUM EWROPEW TAL-LINGWI

26 ta' Settembru 2011

Ir-rispett għad-diversità kulturali u lingwistika u t-tagħlim tal-lingwi għal kulħadd huma prinċipji fondamentali tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Kummissjoni Ewropea. Li ċ-ċittadini jkollhom il-kapaċità li jifhmu u jużaw bosta lingwi jgħinhom jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom kemm mil-lat soċjali kif ukoll minn dak professjonali. Il-ħiliet lingwistiċi huma essenzjali għall-ugwaljanza u għall-integrazzjoni. Fl-isfond attwali ta' mobbiltà dejjem tiżdied, ta' globalizzazzjoni tal-ekonomija u tax-xejriet ekonomiċi li qed jinbidlu, il-ħtieġa li wieħed jitgħallem il-lingwi u l-iżvilupp ta' edukazzjoni plurilingwi u interkulturali huma jidhru iktar biċ-ċar minn qatt qabel.

Fis-26 ta' Settembru l-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea jiċċelebraw l-10 Anniversarju tas-Sena Ewropea tal-Lingwi. Aħna napprezzaw il-progress konġunt li sar tul dan l-aħħar deċennju biex jitqajjem l-għarfien dwar il-patrimonju lingwistiku rikk tal-Ewropa, biex jitħeġġeġ il-multilingwiżmu fis-soċjetà, u biex iċ-ċittadini Ewropej jiġu mmotivati jitgħallmu aktar lingwi.

Il-lingwi u t-tagħlim tal-lingwi, mill-2001 'l hawn ġew iċċelebrati kull sena fis-26 ta' Settembru, il-Jum Ewropew tal-Lingwi. L-attivitajiet huma mifruxin fuq il-lingwi kollha, u jinkludu l-promozzjoni ta' dawk il-lingwi li huma inqas użati u mgħallma, kif ukoll il-lingwi tal-migranti u l-lingwi tas-sinjali. L-għan tal-Jum Ewropew tal-Lingwi huwa li jħeġġeġ it-tagħlim tul il-ħajja tal-lingwi, għas-sodisfazzjon personali, u jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetajiet demokratiċi Ewropej u l-iżvilupp professjonali.

Iż-żewġ Organizzazzjonijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jippromwovu l-politiki u l-prattiki tal-lingwi, bi qbil mal-valuri u l-prinċipji komuni għalihom it-tnejn, u l-intenzjoni tagħhom li jkomplu jfittxu s-sinerġiji bejn l-azzjonijiet rispettivi tagħhom fi Brussell u fi Strasburgu, inklużi dawk implimentati miċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni li jinsab fi Graz. B'mod partikolari:

- Bħalissa qed isir l-ewwel stħarriġ Ewropew dwar il-kompetenzi fil-lingwi mill-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari imsejjes fuq il-*Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi* (QKER), żviluppat mill-Kunsill tal-Ewropa. Fl-ewwel sitt xhur tal-2012 se jiġu ppreżentati r-riżultati tat-testijiet b'analiżi eżawrjenti tal-kompetenzi fil-lingwi ta' studenti tal-iskola sekondarja.

- Dan l-istrument ta' referenza tal-Kunsill tal-Ewropa huwa wżat ħafna fl-iżvilupp ta' standards komuni għall-kurrikuli u għall-valutazzjoni tal-ħiliet lingwistiċi, bir-riżultat li r-rabtiet mal-Qafas tal-Kwalifiki Nazzjonali u Ewropej għat-Tagħlim tul il-Ħajja mibdi u kkoordinat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi jiffaċilita approċċ ekwu u affidabbli għall-valutazzjoni tal-profiċjenza fil-lingwi f'kull livell, u dejjem qed jintuża iżjed fit-taħriġ u l-ittestjar tal-lingwi fil-kuntest tal-migranti u l-ħaddiema barra minn pajjiżhom, u b'hekk jgħin fil-funzjonament aħjar tas-suq tax-xogħol Ewropew u ta' soċjetajiet demokratiċi.

- Se jibqa' jkun hemm kollaborazzjoni bejn il-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-iżvilupp tal-Indikatur Ewropew tal-Kompetenza fil-Lingwa. L-Indikatur ġie mitlub mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea bħala għodda għat-titjib tal-ħiliet lingwistiċi, li permezz tagħhom jitrawwem il-ftehim reċiproku u jissaħħu l-impjegabbiltà taċ-ċittadini Ewropej u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea.

- It-tagħlim tal-lingwi fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u fit-tagħlim tal-adulti se jittejjeb biex iġib 'il quddiem l-impjegabbiltà u l-integrazzjoni. Din hija prijorità għaż-żewġ organizzazzjonijiet li qed tiġi implimentata permezz tal-programmi ta' ħidma rispettivi tagħhom.

Il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew tal-Minoranzi, tal-Kunsill tal-Ewropa, hija strument uniku fl-Unjoni Ewropea u lil hinn minnha, għall-preżervazzjoni u l-promozzjoni tal-patrimonju lingwistiku Ewropew.

Fil-ġejjieni, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni Ewropea se jkomplu jikkooperaw fil-ħidmiet tagħhom biex iwasslu iżjed fil-qrib taċ-ċittadini Ewropej il-benefiċċji tad-diversità lingwistika Ewropea. Il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ Organizzazzjonijiet se sservi biex iġġib 'il quddiem l-iżvilupp tal-kompetenzi fl-akbar firxa possibbli ta' lingwi biex ittejjeb ir-rispett reċiproku, l-impjegabbiltà u l-mobbiltà u biex tiffaċilita l-integrazzjoni u ċ-ċittadinanza demokratika fis-soċjetajiet Ewropej li l-ħin kollu qegħdin isiru iżjed multilingwi u diversi.

Għall-Kummissjoni Ewropea

Androulla Vassiliou
Kummissarju għall-Edukazzjoni, il-Kultura,
il-Multilingwiżmu u ż-Żgħażagħ

Għall-Kunsill tal-Ewropa

Thorbjørn Jagland
Is-Segretarju Ġenerali